MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-21 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 1113/2008

**MALTA ENTERPRISE CORPORATION**

vs

**MEDITERRANEAN BROADCASTING EQUIPMENT (C-23047)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors maħluf imressaq fis-6 ta' Novembru, 2008 li bih is-soċjeta' rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti:

( i ) ssib li s-somma ta' tmintax-il elf sitt mija u erbgħa u tletin euro (€18,634) għandha titħallas lill-Korporazzjoni attriċi mill-kumpannija mħarrka bħala ħlas

akkont minn self magħmul lilha skond kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Charles Mangion tat-23 ta' Ġunju, 1999;

( ii ) U tikkundanna lill-istess kumpannija mħarrka tħallas is-somma ta' €18,634, flimkien mal-imgħaxijiet legali u l-ispejjeż tal-kawża;

Rat illi r-rikors ġie debitament notifikat lis-soċjeta' intimata għall-finijiet tal-Art 187(5) tal-Kap 12, li naqset li tippreżenta risposta fiż-żmien mogħti lilha mil-liġi u hekk baqgħet kontumaċi;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw pruvati.

Fil-kontumaċja tas-soċjeta' intimata tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti kif dedotti fir-rikors bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' intimata, u bl-imgħaxijiet legali li sal-21 ta' Ottubru, 2008 kienu jammontaw għal €1,034, flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri fuq is-somma kanoniżżata li għandhom jibdew jgħaddu b'effett mill-31 ta' Ottubru, 2008, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------